**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edmond Cuschieri]**

**vs**

**Joseph Bugeja**

**Kumpilazzjoni Numru: 312/14**

**Illum, 8 ta' Mejju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Bugeja detentur tal-karta tal-identita` numru 146967M.

Akkuzat talli:

> Nhar is-26 ta' Marzu 2014, ghall-habta ta' 8.45 a.m. fi Triq ic-Caghaq u l-madwar taghha fl-Imgarr, Malta, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` billi dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Martin Chetcuti jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, u jikkagunalu l-mewt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;
>
> Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura ta' ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni JBR438 b'manjiera negligenti, traskurata u perikoluza;
>
> Talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fil-granet u xhur ta' qabel gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Martin Chetcuti jew b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan l-agir kien ta' fastidju ghall-imsemmi Martin Chetcuti.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex:

> Tapplika l-aggravanti li hemm mahsuba fl-Artikolu 222A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress li l-vittma Martin Chetcuti huwa persuna li ghalaq is-sittin sena; u
> Sabiex tikkundanna lill-hati, ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk l-esperti li gew mahtura fl-istadju tal-Process Verbal tal-Inkjesta u dan ai terminu tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda kwazi netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmintax (18) ta' April elfejn u sittax (2016) li biha elenka l-Artikoli tal-ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija u cioe`:-

(a) fl-artikoli 41 (1)(a), 214, 215, 218(1)(a)(2) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 15 (1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikolu 251A(1)(a)(b)(2)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikolu 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli, l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda kollha u t-tattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq incident fl-Imgarr fejn l-imputat ghal xi raguni saq ghal fuq il-parte civile Martin Chetcuti u kkagunalu griehi hfief hekk kif gie ccertifikat mit-tabiba Dr. Moira Sammut permezz ta’ certifikat esebit in atti u mmarkat dokument EC1 (fol 52).

Illi f’dawn il-proceduri xehed il-parte civile **Martin Chetcuti** fis-seduta tat-tlieta (3) ta’ April elfejn u erbatax (2014) fejn huwa jghid illi l-imputat jigi in-neputi tal-mara tieghu u l-kwistjonijiet bejnu u l-imputat kienu ilhom ghaddejin snin.

Chetcuti jghid ukoll illi l-battibekki tkomplew meta erba’ (4) snin qabel kien jghin lill-mara tal-imputat u t-tfal tieghu meta kienu jmorru ghandu ghall ghajnuna u meta l-mara tal-imputat kienet qed tigi allegatament imsawwta mill-istess imputat. Minn hemm beda t-theddid mill-imputat. Il-problemi ricenti kienu tkomplew fuq xi hajt u meta allegatament l-imputat beda jghid li jrid inehhi l-hajt li kien hemm biswit il-proprjetajiet taz-zewg partijiet fl-Imgarr u fejn fil-fatt l-imputat kien inqabad ihottu mit-tifel tal-parte civile Marcel.

Illi l-parte civile ikompli jghid illi dakinnhar tal-incident cempillu Twanny Barun sabiex jghidlu illi l-imputat kien qed jiehu r-ritratti lill-proprjeta` tal-parte civile li

jaghmel hemm xoghol ta' mekkanik. Fil-mument tal-incident il-parte civile jghid illi kien qed jimxi fil-genb tat-triq wara Twanny Barun u minnufih l-imputat gie bil-van tieghu Isuzu u dan tajjru u baqa' sejjer ftit ta' metri. Dan jghid li bid-daqqa waqa' u wara li rega' tela' fuq saqajh rega' waqa' mal-art. Illi mbaghad l-imputat irriversja l-van tieghu u beda jghidlu li jhobbu. Il-parte civile jghid ukoll illi qal lil Barun jaghmlilhom kafe` anke ghall-imputat. Illi meta gie Barun bil-kafe` l-imputat qal illi kien ser jigri d-demm u din Chetcuti hadha bhala theddida kontrih li l-affari ma kienitx waqfet hemm.

Xehed it-tifel tal-parte civile **Marcel Chetcuti** fis-seduta tat-tnax (12) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) fejn huwa jispjega illi lejliet l-incident u cioe` fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu elfejn u erbatax (2014) kien id-dar l-Imgarr u f'daqqa u il-hin sema' hafna storbju u x'hin tfaccja mill-gallarija ra lill-imputat ihott hajt u meta dan rah qallu il-kliem "dan irrid nikkapparrah" u li l-Landrover tieghu kien ser jitfaghielu gewwa x-xaghra. L-ghada mbaghad gara l-incident illi huwa sar jaf bih minhabba li kien qallu Twanny Barun.

Xehed ukoll f'dawn il-proceduri **PS 1574 Renaldo Cremona** li xehed primarjament fuq rapport li kien ittiehed minnu fis-sens elfejn u ghaxra (2010) fejn kien gie jirraporta Martin u Filippa Chetcuti kontra l-imputat fuq xi theddid. Dan ir-rapport igib in-numru ta' 9/T/167/2010 datat erba' u ghoxrin (24) ta' Jannar elfejn u ghaxra (2010). Rapport iehor datat ghaxra (10) ta' Lulju elfejn u tlettax (2013) fejn Martin Chetcuti kien mar jirraporta kontra l-imputat li kien

irraporta li kellu argument mal-imputat peress li dan kien waddablu xi zejt fuq il-vettura tieghu.

Xehdet ukoll **Filippa Chetcuti** li tigi l-mara tal-parte civile kif ukoll iz-zija tal-imputat li tikkonferma illi l-imputat kien xi snin qabel heddidha minhabba l-fatt li kienet iddahhal it-tfal tieghu u l-mara tieghu d-dar taghha u fil-fatt ikkonfermat ir-rapport li kienet ghamlet flimkien mar-ragel taghha.

Xehed ukoll **Twanny Barun** fis-seduta tas-sittax (16) ta' Novembru elfejn u hmistax (2015) fejn huwa spjega li dakinnhar tal-incident hu u Martin marru jiehdu xi ritratti biex juruhom lil tal-MEPA u meta kienu qeghdin mexjin lura gie l-imputat bil-van tieghu u saq ghal fuq Martin. Hu kkonferma li huma kienu mexjin wara xulxin u fil-genb tat-triq.

Xehdu wkoll il-**Perit Robert Musumeci** , **Dr. Martin Bajada** u **Dr. Mario Butigieg** li kollha kkonfermaw ir-rapporti taghhom bhala esperti fl-atti tal-inkjesta esebita in atti redatta mill-Magistrat Charmaine Galea (fol 68 tal-process).

Finalment xehed l-imputat **Joseph Bugeja** li xehed fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Ottubru elfejn u sittax (2016). L-imputat jaghmel referenza ghar-ritratti u cioe` l-istills ipprezentati mar-rapport tal-espert Dr. Martin Bajada (fol 316 *et seq*) u jghid is-segwenti:

> *"Issa qed nuri t-tmien (8) wiehed ghax l-ewwel igibu li jien diehel, gie Martin ara jidher fuq il-camera hemmhekk qisu biex jivvinta xi haga apposta. U fuq id-disgha (9) l-istess hemm Martin qieghed hemm ara qed jistenna li jivvinta xi haga nsomma, u diehel hemm Martin mat-triq ara. Imbaghad l-ghaxar (10) wiehed diehel Martin mat-triq, dak il-hin dahal ezatt x'hin gejt jien u Martin qed jistenna, baqa' jistenna hemm jara x'jivvinta mat-triq. Gie ezatt x'hin gejt jien safrattant Martin qal li jien gejt ghax rajtu hemm, hu gie warajja Martin. Ara issa fuq ir-raba' (4) page jidher il-lavrant qed ihares biex jara x'gara, imbaghad Martin hiereg mit-triq. Imbaghad hiereg jien, jigifierir fir-raba' (4) page it-tielet (3) ritratt u jien kelli minn fejn nghaddi hemmhekk id-dell jidher ara li hu ma zamx man-nahha tieghu, kellu minn fejn jghaddi kieku ried fhimt. Ir-raba' (4) page ir-raba' (4) ritratt jidher Martin qed imur ezatt ghal fuqi ara id-daqqa tidher ara, qed jaghmilli hekk tidher car".*

Huwa jghid ukoll illi fil-mument meta huwa kien miexi bil-vann hares dritt ghax ma riedx li jwaqqfu Martin u jghidlu xi haga izda huwa haseb li kellu post bizzejjed sabiex jghaddi. Huwa jghid ukoll illi:

> *"Imbaghad l-ahhar bicca miel fuq genb naqra, kemm naqbdu naqra. Kieku veru riet noqtlu jien kien hemm hames (5) piedi ohra fejn nersaq u kont naghtih daqqa bin-nofs tal-van mhux nghaddi mal-genb kemm nista' u fuq ir-ritratti li hadu l-pulizija jidher li mal-bini tieghu hemm tank tal-erbghin (40) taz-zejt".*

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI</u>**

Illi huwa risaput li l-Qrati taghna dejjem ekwiparaw ir-rinviju ghall-gudizzju mal-att ta' l-akkuza. Ghalhekk ir-regola msemmija fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 435 tal-Kodici Kriminali ghandha tapplika bl-istess mod ghar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali u ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati ma tridx titratta mal-akkuzi kif dedotti mill-Pulizija Ezekuttiva u cioe` mal-akkuza partikolari ta'

attentat ta' omicidju f'dan il-kaz, izda ghandha tillimita ruhha mal-Artikoli imsemmija mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu tal-tmintax (18) ta' April elfejn u sittax (2016) u cioe` ma' akkuzi ta' tentattiv ta' ferita gravi taht l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi biex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara, ghal xi zmien kien hemm dibattitu anke dwar jekk hux koncepibbli t-tentattiv ta' offiza fuq il-persuna.

Fil-fatt fi kliem il-**Professur Mamo** (Notes on Criminal Law, Vol II, pagna 226) jinghad illi:

> ***« The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible".***

Qed issir ukoll referenza ghad-decizjoni **Il-Pulizija vs Jonathan Gatt** (Qorti tal-Magistrati (Malta), 9.07.2012) fejn gie kkonfermat dan il-punt u ntqal hekk:

***“Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta’ l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta’ l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’ l-ghemil tieghu.”***

Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Zammit**, moghtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

***"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."***

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-30 ta’ Lulju 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi**, qalet hekk:

***“Il-kwistjoni ta’ jekk offiza hiex wahda hafifa u ta’ importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta’ fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta’ guri, ghalhekk, rimessa f’idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f’idejn il-gudikant ta’ l-ewwel grad). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq “opinjoni medika”. It-tabib jew tobba jispjegaw x’irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma’ xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta’ dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta’ l-offiza”.***

Illi f’dawn il-proceduri m’hemmx dubju li l-parte civile Martin Chetcuti garrab griehi hfief hekk kif kien gie originarjament iccertifikat mit-tabiba li ratu u kif

ukoll kif gie kkonfermat anke mill-espert forensiku Dr. Mario Scerri fir-rapport tieghu esebit in atti.

Illi pero` l-Avukat Generali attribwixxa ukoll it-tentattiv ta' ferita gravi sancita taht l-Artikolu 218 (1)(a) u (2) tal-Kapitolu 9 li jghid testwalment hekk:

> ***"L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin –***
>
> ***<u>(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ</u>;***
>
> ***(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;***
>
> ***(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.***
>
> ***<u>(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem ,u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk".</u>***

Illi ghal xi raguni il-Qorti tinnota illi l-Avukat Generali, ghalkemm nizzel fl-Artikoli tieghu is-sub-inciz (a) ta' dan l-Artikolu ma huwiex car ghaliex ma inkludiex anke s-sub-inciz (b) u ghaldaqstant m'huwiex ugwalment car ghaliex l-istess Avukat Generali ghazel wiehed u mhux l-iehor. Dan qed jinghad ghaliex il-feriti sofferti mill-parte civile tant kienu superficjali illi minn dak li gie rapportat, ma jistax jigi kkonstatat jekk l-effetti setghu ikunu taht is-sub-inciz (a) jew (b) li kieku r-reat li l-Avukat Generali qed jattribwixxi lill-imputat kien fil-fatt gie mwettaq. Dan hija l-ewwel problema li din il-Qorti qed tigi rinfaccjata biha.

It-tieni problema hija tal-intenzjoni li effettivament l-imputat kellu meta wettaq l-allegat reat. Illi hareg mill-provi li l-imputat kien irrabjat ghall-parte civile Martin Chetcuti sija ghar-raguni moghtija mill-istess Chetcuti illi l-imputat kien rah jiehu ritratti u ghalhekk forsi haseb illi kien ser jaghmillu xi haga jew ghar-raguni moghtija mill-imputat illi l-parte civile kien jaqbad mieghu u kien jaghmel certu affarijiet apposta.

Hareg ukoll illi l-imputat tant hu ossessjonat illi l-parte civile ser jaghmillu xi haga jew li ghandu ghalih illi fejn ghandu x'jaqsam hu dan jara kollox negattiv. Illi propju b'dan l-animu illi l-imputat telaq mill-post tal-incident qabel ma tajjar lill-parte civile.

Illi hekk kif qalet l-abbli difensur tal-parte civile fin-nota ta' sottomissjoni taghha illi l-intenzjoni tal-imputat kienet wahda doluza, bl-intenzjoni cara li jwegga' lill-parte civile, jew inkella fl-aghar ipotezi li bil-manuvra tieghu kien jaf li setgha jwegga' lill-istess u li hu dak li jissejjah bhala *positive indirect intent*.

Illi din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tifli u tara il-filmat esebit tal-incident u tara li t-triq in kwistjoni hija dritta u jidher ukoll Twanny Barun miexi mal-genb tat-triq u l-parte civile warajh. Ma jidhrix pero` hekk kif qal l-imputat, illi Chetcuti hareg il-barra qisu qed jinsinwa li ghamilha apposta, izda ezatt qabel l-incident Chetcuti kien baqa' dejjem miexi fil-genb sakemm ma gie milqut. Illi jidher

ukoll illi l-parte civile gie milqut mill-genb tal-van tal-imputat possibilment mill-mera tal-istess anke kif gie konstatat mill-espert Dr. Mario Butigieg. Huwa ghal kollox inverosimili illi l-istess Twanny Barun ra l-manuvra tal-imputat qabel ma' tajjar lil Chetucuti hekk kif xehed ghaliex dan kien quddiemu u ma harisx lura sakemm ma dan gie effettivament milqut. Ghalhekk ma jistax jghid illi l-imputat ghamel manuvra fuq l-istess Chetcuti. Infatti din il-Qorti meta kienet qed tara l-filmat, fl-ebda istanza ma rat din il-manuvra izda l-imputat baqa' dejjem ghaddej b'certa velocita` bid-dritt sakemm ma laqat lill-parte civile.

Illi ghalhekk tenut kont ta' dan, din il-Qorti ma hijiex konvinta li l-intenzjoni tal-imputat kienet wahda generika li jaghmel hsara lil-imputat ghaliex anke fi kliemu huwa kien baqa' jhares il-quddiem ghaliex skont hu ma riedx ihares lejn il-parte civile biex dan ma jghidlu xejn u ghalhekk huwa kellu dak li jissejjah *error of judgment* f'dak likien qed jaghmel. Ma taghmilx ugwalment sens illi l-imputat, li kien jaf il-post ben tajjeb u li kien jaf li huwa cirkondat b'*cameras* tas-sigurta` li jikkommetti offiza ta' dik il-kwalita` ezatt quddiemhom.

B'dan pero` jidher car illi s-sewqan tal-imputat kien wiehed ghal kollox perikoluz stante li jidher isuq b'certa velocita` go triq mhux wiesa' u bin-nies jimxu f'dik it-triq. Illi din l-akkuza hija sancita mill-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> ***(1) Kull min -***
>
> ***(a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr***

***liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew***

***(b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra,***

***ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal -multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħinċenteżmu (232.94) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur.***

***(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ ta l-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena."***

Illi a rigward l-akkuza ta' fastidju din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed** deciza fis-16 ta' Dicembru 2016 (Appell Nru: 145/2016) fejn rega' gie affermat li biex jirrizulta r-reat taht l-Artikolu 251B(1) irid ikun hemm tal-anqas zewg okkazzjonijiet biex tinstab htija dwar ir-reat tal-fastidju.

Ghaldaqstant, in vista tal-fatt li ngabet il-prova mill-prosekuzzjoni ta' din il-*course of conduct* din il-Qorti thoss li ir-reat ta' fastidju ghalhekk gie ppruvat.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 15 (1)(a) (2) tal-Kapitolu 65, l-Artikolu 251A(1)(a)(b)(2)(4) tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed issib lill-imputat **Joseph Bugeja** hati biss tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi u ghat-tieni akkuza tikkundannah ghal multa' ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro (€232) kif ukoll ghal sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur dekorribbli min-nofs il-lejl ta' ghada fil-ghodu u ghat-tielet (3) akkuza minflok tinfliggi piena qed timponi lill-imputat *protection order* taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 ghal zmien tliet (3) snin li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) akkuza stante li ma gietx ippruvata fil-grad li trid il-ligi.

Inoltre l-imputat qed jigi kkundannat ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal elfejn, erbgha mija u tnejn u erbghin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€2, 442.54).  Fin-nuqqas ta' hlas relattiv, dan ghandu jigi kkonvertit f'habs skont il-ligi.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigi obduta.

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**